# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 50/K8/18**

Data tal-laqgħa: 06 ta' Settembru 2018

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi-Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Edgar Montanaro – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Inqrat it-Talba.

**50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

50.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

50.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 49/K8/18 għall-approvazzjoni.

50.2.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li jsiru korrezzjoni fil-Minuti dwar 49.4.14, 49.6.05.01.

50.2.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ppproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 49/K8/18 bil-korrezzjoni li saret.

50.2.04 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah fl-approvazzjoni ta' Minuti 49/K8/18 bil-korrezzjoni li saret.

50.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

50.2.06 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar jekk kienx hemm żvilluppi dwar id-devoluzzjoni ta' Ġnien Dun Anton Sciberras fejn min-naħa tal-Kunsill kellimna l-Avukat sabiex tintbagħat ittra lid-Direttur tal-Dipartiment għall-Gvern Lokali is-Sinjura Marisa Pisani.

50.2.07 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar 49.2.07 jekk kienx hemm żvilluppi dwar Tikka Flats, fi Triq il-Kbira, il-gimgħa d-dieħla ser ikun qed jiltaqa' magħhom il-Perit.

50.2.08 Tqajjem il-punt dwar 49.2.09, il-Kunsill ġie nfurmat li d-deċiżjoni dwar l-Oasi Del Gelato fi Triq Gort kienet ittieħdet u ma kienx hemm lok għal appell. Il-Kunsill ser jara x'jista' jsir sabiex ir-residenti jkollhom inqas inkonvenjent.

50.2.09 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt jekk kienx hemm risposta dwar l-ittra lit-Transport Malta dwar il-bagi huwa ġie nfurmat li kull ma rċivejna hija *acknowledgment*. Għaldaqstant għandha terġa tintbagħat *reminder*.

50.2.10 Iċ-Ċermen qajjem il-punt li l-Monument tal-Gwerra inkixef. Il-Monument ta' Ġużè Tanti, għadu ma nkixifx minħabba li l-monument għadu ma sarx.

50.2.11 It-Tender tal-*public convenience* iġġedded għal sitt xhur oħra u bdew ix-xogħolijiet tal-*public convenience* li hemm ġewwa l-Balluta.

50.2.11 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt dwar 49.5.01 rigward l-użu ta' 16 -il-gwardjan lokali għal waqt il-Festa ta' San Giljan. Huwa staqsa kemm swiet l-ispiża u ġie nfurmat bl-ammont.

50.2.12 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt dwar it-Town Centre Managament, fejn talab li l-Minuti li jsiru waqt it-*Town Centre Management* għandhom dejjem jiġu approvati mill-Kunsill. Iċ-Ċermen ser ikun qiegħed jitlob waqt il-laqgħa tat-*Town Centre Management* li l-Minuti għandhom dejjem jintbagħtu lill-Kunsill u għandhom jiġu approvati wkoll mill-Kunsill. Għandu jkun hemm wkoll emenda fl-MOU. Il-Kunsill għandu jipproponi li dan jiġi rifless ukoll fl-MOU.

50.2.13 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg wera l-kondoljanzi lill-familja kollha ta' oħt il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli. Għaldaqstant saret minuta silenzju. Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rringrazzjat lill-Kunsill.

**50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

50.3.01 L-ATM ta' Ta' Giorni reġa' nħareġ *tender* iżda s'issa l-evalwazzjoni ma saritx. Għaldaqstant din ma setgħetx titella' f'din il-laqgħa.

50.3.02 Fit-13 ta' Settembru 2018 ser issir laqgħa dwar it-talba għal għajnuna li qed issir minn San Ġiljan Water Polo Club. Laqgħa simili ser issir ukoll man-Neptunes Water Polo Club.

50.3.03 Is-Segretarju kellu laqgħa ma' rappreżentat tal-Ministeru ta' l-Ambjent kif ukoll mill-Wasteserv dwar il-ġbir ta' skart organiku. Mill-ġimgħa d-dieħla ser jibdew jitqassmu *leaflets* fil-lokalita'. Ser jibdew jitqassmu wkoll erbgħa containers fid-djar. Ser issir ukoll ħidma permezz ta' gwardjani lokali sabiex jiġi assigurat li s-separazzjoni ta' l-iskart qed isir tajjeb kif ukoll il-boroż jinħarġu skond l-iskeda.

50.3.04 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li qed niġbru kwotazzjonijiet dwar it-tindif tal-culverts ġewwa l-lokalita'.

50.3.05 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li bħalissa ġewwa l-Kunsill qed isiru testijiet tal-hearing. Kull min hu interessat jista' icempel dirett lilhom u jagħmel appuntament.

50.3.05 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg spjega x'ġara dalgħodu dwar l-laqgħa li saret fuq l-iżvillup li ser isir ġewwa l-ITS fosthom *social impact*. Il-bord tal-Planning Authority kien informal ill-Kunsill li fuq il-bord li ser jieħu d-deċiżjoni fuq dan l-iżvillup aħna ma nistgħux nipparteċipaw għaliex skond l-istess uffiċjal, il-Ministru ta' l-Infrastruttura u Transport skond id-dispozizzjoni tal-liġi għażel ir-rappreżentant tal-Kunsill Lokali Pembroke biex ikun fuq il-bord. Il-Kunsill ma kienx qed jaqbel ma' din id-deċiżjoni u għalhekk kellha tintbagħat ittra lill-istess Ministru fejn ninsistu li minħabba li parti sostanzjali mill-iżvillup ser issir fil-lokalita' tagħna aħna għandna nkunu f'dan il-bord.

50.3.06 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li daħlet impjegata ġdida Ms. Mandy Zammit li qed tissostitwixi l-impjegata li rriżenjat.

**50.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

50.4.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

**50.5 Proposta għall-kuntratt tal-Perit u *works supervisor* tal-Kunsill;**

50.5.01 Is-Segretarju spjega dwar it-tender tal-Perit u *works supervisor* tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li min jiġi mpjegat bħala *works supervisor* għandu jaħdem sa 45 siegħa fix-xahar, filwaqt li jkollu probation ta' sitt xhur, għandu jkun flessibli fil-ħinijiet u jkollu liċenzja tal-karozza. Fl-istess waqt il-Perit tal-Kunsill jibqa' jiċċertifika xogħolijiet infrastrutturali.

**50.6 Għoti tat-tender tal-ATM ta' Ta' Ġiorni;**

50.6.01 Is-Segretarju informa lill-Kunsill li dan ma setax jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa minħabba li kienet għadha ma saritx l-e*valuation*. Għaldaqstant dan ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss.

**50.7 Talbiet żgħar;**

**50.7.01 Email mingħand is-Sinjura Rachel Abela f'isem l-MFCS-Parl Sec dwar Premju Anzjanita Attiva' (Inc. 6037/18)**

50.7.01.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Rachel Abela f'isem l-MFCS-Parl Sec dwar Premju Anzjanita Attiva'. Wara diskussjoni qasira iċ-Ċermen Guido Dalli ppropona li jiġi nominat is-Sur Lino Schembri u l-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

**50.7.02 Email mingħand is-Sur Philippe Gatt f'isem l-Istreetcom dwar Advertising fuq zebra crossings (Inc. 6111/18)**

50.7.02.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Philippe Gatt f'isem l-*istreetcom* dwar Advertising fuq zebra crossings. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill mhux ser jagħti permess.

**50.7.03 Email mingħand Spinola Band Club dwar akkademja Beate Juliane 1893 – Kollaborazzjoni Parroċċa u Kunsill Lokali (Inc. 6091/18)**

50.7.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand Spinola Band Club dwar akkademja Beate Juliane 1893 – Kollaborazzjoni Parroċċa u Kunsill Lokali. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li għandhom jiprovdu rendikont ta' x'intefaq u s-sehem tal-Kunsill sehmu għandu jkun terz ta' l-ispejjez involuti.

**50.7.04 Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar tqegħid ta' mwejjed u siġġijet quddiem ir-Ryan's Pub fi Triq Wied Għomor. (Inc. 6110/18)**

50.7.04.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'ittra mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem ir-Ryan's Pub fi Triq Wied Għomor. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill mhux ser ikun qiegħed joġġezzjona.

50.7.04.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana ġie skużat fis-7.10p.m.

**50.7.05 Email mingħand l-Perit Anthony Bezzina dwar l-Open Gym Equipment (Inc. 6114/18)**

50.7.05.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand l-Perit Anthony Bezzina dwar l-Open Gym Equipment. Din qeda quddiem il-bord ta' reviżjoni tat-TOBR.

**50.7.06 Email mingħand l-Green Pak dwar Promoting recycling and the Crush & Win Campaign (Inc. 6170/18)**

50.7.06.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand l-Green Pak dwar Promoting recycling and the Crush & Win Campaign.

**50.7.08 Email mingħand is-Sur Mario Fava dwar meeting fit-23 ta' Awwissu 2018 (Inc. 6172/18)**

50.7.08.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand is-Sur Mario Fava dwar meeting fit-23 ta' Awwissu 2018.

50.7.08.02 Il-Kunsilleira Rita Dimech Portelli ġiet skużata fis-7.15p.m.

**50.7.09 Email mingħand is-Sinjura Marie-Jeanne Borg dwar Ċirkulari 5 2018 – Konsultazzjoni tal-ERA – Studji dwar l-Impatt ta' Storbju Ambjentali. (Inc. 6216/18)**

50.7.09.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Marie-Jeanne Borg dwar Ċirkulari 5 2018 – Konsultazzjoni tal-ERA – Studji dwar l-Impatt ta' Storbju Ambjentali. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser jieħdu ħsiebha l-Kunsillier Edgar Montanaro.

**50.7.10 Email mingħand l-Convenant of Mayors dwar Convenant cities in the spotlight award. (Inc. 6237/18)**

50.7.10.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand l-Concenant of Mayors dwar Convenant cities in the spotlight award.

**50.7.11 Email mingħand is-Sur Johann Buttigieg dwar PA/07015/16 (Inc. 6158/18)**

50.7.11.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Johann Buttigieg dwar PA/07015/16. Il-Kunsill ħa nota ta' l-email.

**50.7.12 Email mingħand l-MEPA dwar PA/07449/17 – Planning Authority Communication – Consultation on application for development permission following republishing (Inc. 6314/18);**

50.7.12.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-ERA dwar PA/07449/17 – Planning Authority Communication – *Consultation on application for development permission following republishing*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill mhux ser jagħmel oġġezzjoni.

**50.7.13 Email mingħand l-Perit Anthony Bezzina dwar Quatation Survey Spinola Square (Inc. 6315/18);**

50.7.13.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Perit Anthony Bezzina dwar Quatation Survey Spinola Square. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Perit Bezzina li l-Kunsill aċċetta il-quatation tas-Survey Spinola Square.

**50.7.14 Email mingħand is-Sur Mario Fava dwar Cirk AKL 2018/101 – Invite to the Conference 'I borghi piu' belli del Mediterraneo'' (Inc. 6324/18)**

50.7.14.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Mario Fava dwar Ċirk AKL 2018/101 – Invite to the Conference 'I borghi piu' belli del

Mediterraneo. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ċ-Ċermen ser jiċċekkja jekk hemmx xi spejjez li se jitħallsu mill-Kunsill / Reġjun.

**50.7.15 Email mingħand is-Sur Mario Fava dwar Ċirk AKL 2018/012 – Access City Award 2019 (Inc. 6379/18)**

50.7.15.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Mario Fava dwar Ċirk AKL 2018/012 – Access City Award 2019. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax.

**50.7.16 Email mingħand is-Sur Mario Fava dwar Ċirk AKL 2018/105 – Press Conference – Masters in Governance and Management (Level 7) (Inc. 6472/18)**

50.7.16.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Mario Fava dwar Ċirk AKL 2018/105 – Press Conference – Masters in Governance and Managament (Level 7). Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li se jattendu s-Segretarju Eżekuttiv Paul Spiteri u l-Assistant Prinċipal is-Sinjura Connie Said.

**50.7.17** Saret riferenza għall-email mingħand ic-City Parks b'talba sabiex isiru tabelli elettroniċi bis-sinjali tal-*parking* u bil-*parking bays* li hemm vakanti ġewwa l-car park. Wara diskussjoni qasira il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u li dan għandu jsir l-pagament għalihom.

**50.7.18** Il-Kunsill ġie nfurmat bi claim li rċieva mingħand is-Sur Christian Camilleri dwar ħsara li kien għamel fil-vettura tiegħu fix-Xatt ta' San Ġorġ. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nħallsuh.

**50.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

50.08.01 Iċ-Ċermen ressaq il-minuti 49/KA2/18 għall-approvazzjoni. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**50.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

50.09.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'A')

50.09.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

50.09.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ssekondaħ.

50.09.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**50.10** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

50.10.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4512 sa 4528. (Ara Appendiċi 'B')

50.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**50.11** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

50.11.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-11 ta' Ottubru 2018 fl-4.30p.m.

50.11.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.35p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 11 ta' Ottubru 2018